KLR 44/VII/2016

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa l-19 t'Awwissu 2016 fis-18.30.

PREŻENTI: Is-Sindku Dr Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Josef Schembri il-membri Joseph Debrincat, Maria Portelli, Michel Buttiġieġ, Anthony Briffa u Marċel Tabone u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

## 1. Talba

Intqalet it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-minuti

Ġew approvati l-minuti tal-aħħar laqgħa.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-aġenda liema sospensjoni ma ġiet kontestata minn ħadd. Inqrat ittra li ntbagħtet lis-Segretarju Eżekuttiv mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward il-ħatra ta' Dr Samuel Azzopardi fil-laqgħa nurmu 41 li saret fis-17 ta' Ġunju 2016. Fiha id-Direttur informa lill-Kunsill illi anke' fuq parir legali li ttiedħed mid-Dipartiment jidhirlu li l-Kunsill ma mexiex mal-proveidmenti ta' Artiklu 25 u s-Seba Skeda tal-Att dwar il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat b'dan u ntalab jirratifika l-pożizzjoni tiegħu. Inqrat il-parti tal-liġi li tirrigwardja l-ħatra ta' Sindku li tgħid hekk:-

*" Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikulu 29, fil-kariga ta' Sindku ta' xi Kunsill Lokali għandu joqgħod dak il-Kunsillier elett li fl-aħħar elezzjoni lokali ta' dik il-lokalita' jkun kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li f'dawk l-elezzjonijiet ikun kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri ta' dak il-Kunsill. Dak il-kunsillier jieħu l-kariga ta' Sindku fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara dik l-elezzjoni lokali. Jekk jiġri li għal xi raġuni dak il-Kunsillier jirrifjuta milli jokkupa l-kariga ta' Sindku, ikun il-Kunsillier li jkun ġab it-tieni l-ogħla għadd ta' voti minn fost dak il-partit politiku hawn qabel imsemmi li jieħu l-kariga, u hekk sussegwenti, sakemm xi ħadd jieħu l-kariga ta' Sindku:*

*Iżda f'każ illi s-Sindku jispiċċa mill-kariga matul it-terminu tal-Kunsill, il-post ta' Sindku għandu jimtela' minn dik il-persuna tal-istess partit li tkun ġabet l-akbar ammont ta' voti fil-ewwel għadd wara s-Sindku li jun qed jispiċċa mill-kariga:*

*Iżda f'każ li l-ligi ma tkunx tipprovdi xort'oħra, is-Sindku jintgħażel minn fost il-Kunsillieri.*

Is-Sindku talab li fil-minuti jitniżżel eżatt x'ġara fil-laqgħa KLR 41 peress illi bi żvista jidher li ma rriflettewx il-proċedura li effettivament ġiet segwita u dan ġie mqajjem mid-Direttur tlett laqgħat wara dik il-laqgħa. Meta Josef Schembri rriżenja minn Sindku hu nnomina lill-Dr. Samuel Azzopardi sabiex jieħu l-kariga ta' Sindku. Maria Portelli wkoll irriżenjat mill-kariga ta' Viċi Sindku u nnominat lill-Josef Schembri għall-kariga ta' Viċi Sindku. Waqt il-laqgħa KLR 41 ma kien hemm ebda' kontestazzjoni oħra u l-membri preżenti qablu li Dr Azzopardi jerġa jilħaq Sindku u Josef Schembri jerġa jilħaq Viċi Sindku. Il-membri qablu li dan kollu seħħ fil-laqgħa KLR 41.

Għall kull buon fini u sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju s-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Maria Portelli li hi l-kunsilliera eletta li ġabet l-aktar voti wara Schembri, jekk qattx kellha l-intenzjoni li tilħaq Sindku wara li rriżenja Josef Schembri. Maria Portelli saħqet li qatt ma kellha l-intenzjoni u li bil-qbil tagħha dakinhar kienet qed turi dan. Hi ukoll wriet il-fiduċja sħiħa fis-Segretarju Eżekuttiv. Wara li Portelli għamlet din l-istqarrija, s-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-Marcel Tabone wkoll jekk qattx kien interessat li jilħaq Sindku wara r-riżenja ta' Schembri jew Viċi Sindku wara r-riżenja ta' Maria Portelli. Hu qal li qatt ma kellu l-intenzjoni li jilħaq Sindku wara r-riżenja ta' Schembri u li l-vot tiegħu fiż-żewġ istanxi dakinhar jixhed dan. Fir-rgward tal-kariga ta' Viċi Sindku, Marcel Tabone tenna li m'għandux u ma kellux l-intenzjoni li jokkupa il-kariga wara r-riżenja ta' Portelli.

Il-Kunsilliera preżenti rriaffermaw illi l-Kunsill mexa mal-porċedura stabbilita, fl-ispirtu u skond l-Artiklu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali u kien hemm qbil li ma hemm kontestazzjoni mingħand ħadd li dakinhar ma ġietx segwita din il-proċedura jew li hemm bżonn li tiġi esegwita xi proċedura oħra jew isir xi proċess mill-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li d-DLG bagħtilha twissja minħabba li fil-laqgħa KLR 41 "naqset milli tiggwida lill-Kunsill". Hi ntalbet toħroġ mill-kamra. Sakemm is-Segretarja ma kienitx fil-kamra l-membri unanimament qablu li għandhom jesprimu fiduċja sħiħa fix-xogħol li s-Segretarja twettaq ta' kuljum fil-Kunsill.

## 3. Mozzjonijiet f'isem il-membri

Mozzjoni Numru 18 tressqet mill-kunsillier Briffa u ġiet issekondata mill-kunsillier Debrincat.

**Mozzjoni Numru 18**

**Nixtieq inressaq din il-mozzjoni għal-laqgħa li jmiss minħabba li wara l-laqgħa tal-Ġimgħa 5 ta' Awwissu mal-Perit Edward Scerri, laqgħa li għaliha attendejna biss jien u Joe Debrincat, ma ħriġna sodisfatti xejn bir-risposti għall-mistoqsijiet li ressaqt nhar is-7 ta' Mejju 2016. (Ara Dok. 1). Il-Perit Scerri, William Sultana u d-DTR kienu mitluba li jattendu għal-laqgħa ta' sotto-kumitat tal-Kunsill nhar is-6 ta' Lulju 2016 sabiex jirrispondu għall-mistoqijiet. (Ara Dok. 2)**

**Għal diversi drabi tlabt li l-mistoqsijiet jingħataw bil-miktub sabiex wieħed ikun jista' jixtarrhom kif ukoll iżomm kont tal-progetti. Barra minn hekk, fl-aħħar laqgħa tal-kunsill,**

**ġejt imwiegħed li tali risposti ser ikunu riposti kollha fil-laqgħa apposta tas-sotto-kumitat, sabiex ma jitteħidx ħafna ħin mill-laqgħa tal-Kunsill nhar l-1 ta' Lulju 2016.**

**Il-laqgħa tas-sotto-kumitat saret ilbieraħ (5 ta' Awwissu 2016) u attenda biss il-Perit u s-Segretarju Ezekuttiv infurmatni li d-DTR bagħtu xi risposti mhux konklussivi tal-*Playing Field*. Dan ir-raġunament wasalt għalih wara li qrajt dawn l-istess risposti tad-DTR.**

**Jien u Joe Debrincat ma konniex sodisfatti minħabba li:**

1. **Il-mistoqsijiet kellhom bżonn l-intervent ta' William Sultana li għalkemm kien mgħarraf bil-laqgħa, ma kienx preżenti.**
2. **Ħafna mistoqsijiet baqgħu ma tweġbux jew ingħatat informazzjoni limitata ħafna minħabba li kellhom jitwieġbu minn William u mhux mill-Perit.**
3. **Il-Kunsill kellu jingħata *snag list* tal-manutenzjoni jew postijiet fejn kellhom isiru t-tiswijiet, tali lista qatt ma rajniha.**
4. **Fuq il-progett tal-*Playing Field* inħossu li mill-laqgha ta' meta nħargu t-*tenders* sa' issa, għadu ma sar l-ebda żvilupp. Dan b'detriment li s-sit huwa ta' periklu b'responsabilta' tal-kunsill.**
5. **Għadda ħafna żmien sabiex jingħataw dawn ir-risposti u għadna fil-għama dwar proġetti li lkoll bħala kunsilliera responsabbli għalihom.**

**Permezz ta' din il-mozzjoni qed nitlob sabiex mil-lagħqa tal-Kunsill li jmiss, i.e. 19 ta' Awwissu, sa zmien ġimgħatejn, i.e. 2 ta' Settembru, jigu mwieġba l-mistoqijiet KOLLHA BIL-MIKTUB kif mitlub.**

Dok. 1 u Dok. 2 kwotati fil-mozzjoni jisabu annessi ma dawn il-minuti.

Is-Sindku skuża ruħu għaliex dakinhar tal-laqgħa li saret fil-5 t'Awwissu 2016 ma kienx preżenti peress li ma laħaqx attenda minħabba mpenji tax-xogħol u din il-laqgħa laħqet spiċċat kmieni. Hu tenna li jaqbel mal- ispirtu tal-mozzjoni.

William Sultana li hu l-*Project Administrator* tal-porġett ERDF ġie mistieden jidħol fil-kamra sabiex jispjega dak li ntalab minnu. Id-dokumenti li ressaq jinsabu annessi f'dokument A.
Rigward il-*playing field*, is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li DTR jinsabu bix-*shutdown.*

## 4. Monti, Bejjiegħa tal-Ħut u *Pedestrian Area* Pjazza Indipendenza

Kif kien mitlub mill-Kunsill, s-Segretarju Eżekuttiv resqet lista (Dokument B) li turi l-bejjiegħa tal-monti ta' Pjazza Indipendenza u lista b'ammont sostanzjali li turi l-*Market Hawkers* f'Malta u f'Għawdex (Dokument Ċ). Dawn il-listi juru l-persuni li qed iħallsu l-liċenzja mad-Dipartiment tal-Kummerċ.

Rigward l-ispostament tal-monti minn Pjazza Indipendenza għal Pjazza Savina, s-Sindku ssuġġerixxa li għalissa l-Kunsill jaħdem fuq il-bejjiegħa eżistenti tal-Monti tat-Tokk u ma

jiżdidux iktar kaxxi. Dan minħabba kwistjoni ta' parkeġġi u spazju fi Pjazza Savina. Il-membri qablu. Għalhekk il-Perti għandu jħejji l-pjanti għal dan it-trasferiment fi Pjazza Savina kif mitluba mill-Kunsill u kif għandhom jitqassmu l-kaxxi skont il-qisien mniżżla fir-regolamenti tal-bejjiegħa tal-monti.

Il-membri qablu wkoll li jiġi suġġerit lill-Gvern Ċentrali sabiex jekk ikun hemm kunsens, jiġu offruti l-inċentivi li ġew offruti lill-bejjiegħa tal-monti tal-Belt Valletta, sabiex bejjiegħa nteressati jkun jistgħu jirtiraw minn din l-attivita'.

## 5. Approvazzjoni tal-Kontijiet

Ġew approvati l-kontijiet għax-xahar ta' Settembru 2016 skont Dokument D anness.

## 6. Immaniġjar tat-traffiku

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għal-:-

6.1 *1.5mtr Keep Clear* quddiem 'Redentur', Triq Santa Dminka;

6.2 *No Waiting Sign* fi Triq Mons Ġużeppi Farruġia;

6.3 *one meter double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' Anġelo Muscat fi Triq Għajn Qatet;

6.4 *one meter double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Animor' Triq Francesco Masini;

6.5 *one meter double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Sacred Heart' Triq Papa Ġwanni Pawlu II;

6.6 *un/laoding parking bay* quddiem 'Corner Showroom' fi Triq Ġuże' Cremona kantuniera ma Triq Anton Tabone;

6.7 *road hump* quddiem 'JohnMary Mansions', Triq il-Madonna tal-Ġilju.

TM ma ħarġitx il-permess għall-

6.8 parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' quddiem Blokk G, f'taċ-Ċawla H.E..

6.9 TM bgħatet korrispondenza rigward iż-żieda ta' *electric vehicle charging units*. Fir-Rabat hawn fi Pjazza Santu Wistin, fi Pjazza San Franġisk u fi Triq Fortuanto Mizzi.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

6.10 jitneħħa *disabled parking bay* li m'għadux jintuża quddiem 15, Triq Sir Arturo Mercieca;

6.11 *one meter double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Kandela' Triq Dawwara;

6.12 *one meter double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta''JohnMary Mansions', Triq il-Madonna tal-Ġilju;

6.13 issir ħadida protettiva ma bankina li kull darba qed titkisser mill-vetturi. Din mad-dar 'Alydar' Triq Ġuże' Micallef kantuniera ma Triq Manuel Dimech;

6.14 isiru *No Waiting* u *Speed limit Signs* u *double yellow lines* fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace maġenb l-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof. TM għandha tintalab il-permess għall-*aligthing/boarding bay* quddiem din l-iskola b'dawn il-ħinijiet – 07.45 – 08.30 u 13.15 – 13.45.

6.14 Il-membri qablu li jiġi mistoqsi lill-TM r-raġuni għalfejn *buses* privati qed iniżlu t-turisti fi Pjazza Savina. Il-Kunsill ma jaqbilx ma dan minħabba l-konġestjoni tat-traffiku li tinħoloq meta dawn il-*buses* iniżlu t-turisti f'post hekk traffikuż. TM għandha tiġi mfakkra li parti kbira mill-parkeġġ il-kbir ittieħdet sabiex il-*buses* ikunu jistgħu jipparkjaw fil-parkeġġ. Għaldaqstant din l-*area* tista' tintuża sabiex it-turisit jkun jistgħu jinżlu fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*Bus Terminus*.

**7. Korrispondenza**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

7.1 John Borg, Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Kunsill ġie mitlub jinnomina rappreżentant fic-*Cittadella Managment Committee.* Il-membri qablu li s-Sindku jkun dan ir-rappreżentant. Tressqet ukoll r-risposta ta' John Cremona fir-rigward ta' attivitajiet orgnaiżżati fil-foss taċ-Ċittadella. Il-Kunsill ġie mgħarraf li hija prattika stabbilita li l-foss ma jintużax għall-funzjonijiet privati u dan minħabba kundizzjonijiet ta' finanzjament tal-post mill-Unjoni Ewropea;

7.2 id-DLG rigward laqgħa li saret fil-presenza tad-Direttur, s-*Senior* tal-*Monitoring Office* fi ħdan id-DLG, s-Sindku u S-Segretarju Eżekuttiv. Din il-laqagħa kienet titratta l-iżbilanċ finanzjarju tal-Kunsilli għas-sena 2015. Tħejja rapport mill-*Monitoring Unit* li hu anness f'dokument D. Il-membri apporvawh.

7.3 id-DLG fejn ħareġ direttiva rigward l-arranġamenti finanazjarji bejn il-LESA, l-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali;

7.4 l-*Animal Welfare* rigward il-qtil tal-ħamiem. Il-Kunsill m'għandux il-ħsieb li jwettaq din l-attivita';

7.5 il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita' (KNPD) rigward bankina li mhix aċċessibli u li tinsab quddiem 'COR951' Pjazza J F Kennedy. Din il-bankina ma saritx minn naħħa tal-Kunsill u l-KNPD ser tiġi mistoqsija rigward il-proċedura;

7.6 Dr John L. Gauci għan-nom ta' Maria Cassar li hi bejjiegħa tal-monti u li qed tilmenta rigward parkeġġ li ġie riservat għall-MTA fi Pjazza Inidpendenza. Id-deċiżjoni rigward dan il-parkeġġ ittieħedet minn TM;

7.8 John Sailba mit-Tiġrija Palazz rigward il-qoxra tal-ħajt tal-latrina ta' Triq taħt Putirjal li għandha bżonn tinbidel minħabba li tmellħet. Skont l-Att dwar il-Kunsilli Lokali l-Kunsill – *"..jipprovdi għall-ġbir u ġarr ta' żibel minn kull post pubbliku jew privat, għaż-żamma ta' l-indafa u biex isiru, jinżammu fi stat tajjeb u manutenzjoni tal-latirni kollha,...".* Billi l-latrini mhumiex devoltui lill-kunsill, il-Kunsill hu obbligat biss li jżomm l-indafa u jkopri l-manutezjoni neċessarja ta' dawn il-latrini.

7.9 Justin Bonniċi li talab sabiex jgħaddi s-sistema ta' dranaġġ għall-ħanut fi Pjazza Savina. Biex isir dan irid jinqala mill-porfido. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir mill-kuntrattur li għamel il-proġett tal-ERDF (għas-spejjes ta' Bonnici) sabiex it-tqegħid tal-porfido jerġa jsir kif suppost. Il-Perit għandu wkoll jiġi mistoqsi jekk iridux isiru xi kundizzjonijiet qabel joħroġ dan il-permess;

7.10 il-Perit Emanuel Vella li reġa bagħat korrispondenza għan-nom tal-ħanut 'Capitan Spriss' ta' Triq Repubblika rigward il-ħruġ ta' permess għall-imwejjed u siġġijiet. Il-membri ma qablux peress li l-bankina fejn qed jintalab il-permess m'għandiex tkun mittiefsa.

7.11 E. Bugeja rigward l-istat tal-*area* tal-*Bus Terminus* u l-latrini pubbliċi.

<u>Korrispondenza relatata ma' dawl tat-toroq</u>

7.12 Dwar booza proposta li teħel quddiem l-isptar fi Triq Għajn Qatet il-membri qablu li jiġi suġġerit li din teħel ma arblu eżistenti.

7.13 Dwar il-bozza a' Triq Karolina Cauchi, Michael Said ta' Maria Bambina' Triq Karolina Cauchi kiteb lill-kunsill li mhux ser jaċċetta li teħel bozza mad-dar tiegħu u lanqas fuq il-bankina. Hu ssuġġerixxa li l-arblu jeħel n-naħħa l-oħra tat-triq fejn hemm il-flattijiet. Jekk l-arblu jeħel taħt il-bankina quddiem id-dar tiegħu, dan irid isir b'mod li ma jaffettwax l-operazzjoni tal-garaxxijeit tiegħu.

**8. Materji oħra**

Il-membri qablu li:-

8.1 l-*bollards* ta' Pjazza Indipendenza jkun hemm minnhom li ma jkunux fissi. Dawn għandhom ikunu ta' quddiem il-knisja ta' San Ġakbu u taż-żewġ naħħat tal-Banca Giuratale sa l-ewwel siġra.

8.2 l-kunsillier Briffa jieħu l-inizjattiva sabiex jiġu organiżżati ħarġiet għall-anzjani f'Malta;

8.3 r-residenti tal-*Housing Estate* taċ-Ċawla jiġu nfurmati sabiex ma joħorġux l-iskart tagħhom jekk mhux kif suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li l-ġimgħa d-dieħla mpjegati tal-Wasterserv ser jibdew iqassmu l-informazzjoni sabiex tibda' titħaddem l-iskema l-ġdida tal-ġbir tal-iskart li tinkludi l-ġbir tal-iskart organiku u l-ġbir tal-ħġieġ;

8.4 l-Kunsill jgħin fl-attivitajiet tal-iskola primarja tar-Rabat. L-ewwel attivita' ser tkun nhar it-Tlieta 23 t'Awwissu 2016 fejn din l-iskola ser torganiżża attivita' għall-istudenti ta' SkolaSajf ġewwa ċ-Ċittadella. Il-Kunsill ser jipprovdi passju u logħob ieħor stampat fuq *canvas* sabiex dan ikun jista' jintuża kemm il-darba. Dawn għall-prezz ta' €177. L-istudenti ser joffru €1 kull wieħed għall-*Community Chest Fund*.

8.5 ssir pjanta tal-Perit li tindika bankina fil-ġenb tal-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof fi Triq l-Ariċisqof Pietru Pace. Din sabiex tiġi approvata minn TM;

8.6 titranġa l-ħsara li ġiet ikkawżata minn trakkijiet fi Triq Madliena;

8.7 sidien ta' permessi ta' kiosks li jkun ilhom ma jħallus l-permess biex jarmaw fil-festi għall-sentejn in fila, l-post tagħhom jiġi kunsidrat bħala mitluf.

8.8 li l-permessi tal-kiosks li jinħarġu fi Triq taħt Putrijal jibdew jinħarġu n-naħħa l-oħra tat-triq u mhux quddiem id-djar privati. Dan sabiex ma jiġux mittiefsa t-*taxi stands*.

8.9 tingħata donazzjoni ta' €25 sabiex ikun jista' jiġi stampat il-ktieb ' In-Niċeċ Storiċi ta'Għawdex' minn Dr Joseph Bezzina.

8.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni rigward sentenza tal-Qorti li ngħatat lill-Baskal Farrugia rigward kas li ġara fl-2007 u li ma kellux permess tal-Kunsill Lokali (għax ma kienx talab li jgħamel dan il-permess). Kif diġa' kkomunikat mal-kunsilliera bil-miktub is-Segretarja qalet li ilha tisħaq li dawn il-permessi għandhom dejjem joħroġu kif suppost u b'ebda indħil ta' terzi jew entitajiet oħra. Tenniet li l-istaff m'għandux jiġi ntimidat minn ħadd fejn jidħlu l-ħruġ tal-permessi. Il-Kunsill dejjem mexa ma dawn il-*policies* fir-rigward ta' ħruġ ta' permessi ta' krejnijiet:-

- Fil-ġranet tal-iskola il-permessi fit-toroq arterjali u prinċipali jinħarġu wara d-09.00;
- Is-Sibt ma jinħarġux permessi f'toroq arterjali u prinċipali;
- Fit-toroq arterjali u prinċipali jridu jitqabdu l-gwardjani lokali neċessarji.

8.11 Tressqu d-dettalji tal-fażi ta' konsulatazzoni pubblika li tirrigwardja l-*Partial Review to the Gozo And Comino Local Plan (2006).* Din tkopri l-bini tal-iskola primrja ġdida fir-Rabat. Billi żewġ kunsilliera kellhom jitilqu qabel spiċċat il-laqgħa, l-membri preżenti qablu li ssir laqgħa oħra li titratta din il-materja. Is-sottomissjonijet tal-pubbliku għandhom isiru sat-Tnejn 12 ta' Settembru 2016.

Il-laqgħa spiċċat fit-20.45 u laqgħa oħra ser issir nhar is-Sibt 27 t'  Awwissu 2016 fis13.00.

| | |
|---|---|
| Av. Samuel Azzopardi | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |